MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 464/2014

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attrici tas-27 ta’ Ottubru 2014 li permezz tieghu talbet li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet.

Rat li l-konvenut għalkemm notifikat baqa' ma pprezentax risposta.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors tħalla għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fid-19 ta' Dicembru 1993, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet kienu sseparaw in forza ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Margaret Heywood fit-3 ta' Mejju 2010;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------